# Karlu Darmanin, il-Madonna ta' Lourdes u San Filippu Neri

Jiktbilna l-Kav. Stanley Mangion

Il-Qrendi hu marbut ma' Karlu Darmanin għax għandu żewġ opri artistiċi sbieħ ħafna li Karlu Darmanin ħadem għall-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes imwaqqfa ġewwa l-Qrendi, xi għoxrin sena biss wara li l-Madonna dehret ġewwa Lourdes lil Bernardette li flimkien ma' sħabha kienu qegħdin jiġbru l-ħatab ġewwa Massabielle. Dan ġara fil-11 ta' Frar, 1858 ġewwa l-grotta ta' Massabielle.

Bernardette, tfajla ta' 14-il sena, mingħajr edukazzjoni, qalitilna li rat "*ou petito damizelo*", bl-ilsienna, "tfajla żgħira" liebsa libsa bajda, bil-kuruna tar-Rużarju tad-deheb f'idejha u żewġ xandrijiet tad-deheb ħdejn saqajha".

## Min Kien Karlu Darmanin

Karlu Darmanin, magħruf bħala l-Karlozzu twieled ġewwa l-Isla fit-30 t'Awwissu, 1825 minn Ġużeppi Darmanin u Maria, xebba' Cumbo. Kien it-tnax-il wild tal-familja u r-raba' wieħed fost l-ulied li twieldu ġewwa l-Isla. Id-dar fejn twieled Karlu Darmanin naħsbu li kienet dar kbira sewwa għax kienet iddomm tliet numri ta' tliet bibien, in-numri 174, 175, 176, Triq ir-Rebħa. Din id-dar waqgħet fil-gwerra u kienet tinsab fejn illum jiltaqgħu l-karazzi tal-linja. Qabel ma l-familja Darmanin għamlet l-għamara tagħha ġewwa l-Isla, kienu joqogħdu l-Belt f'numru 45, Strada Levante. Insemmu li ommu u missieru kienu żżewwġu fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta fit-13 ta' Lulju, 1807. Karlu tgħammed l-għada tat-twelid tiegħu mill-kanonku dekan Dun Fortunat Costù li kien il-viċi tal-Arċipriet Dun Leopoldu Fiteni. Il-parrinijiet kienu ħut ommu, Vincenzo Cumbo u Marija Farrugia, mart Karlu li kien jiġi sekondi kuġin t'ommu. Ix-xogħol ewlieni tal-familja Darmanin kien ta' marmista u kienu jaħdmu kull tip ta' xogħol fl-irħam minn pavimentar sa lapidi interzjati tassew sbieħ u kienu magħrufa ukoll, għax ħadu sehem f'wirjiet internazzjonali.

Fil-bidu, Karlu Darmanin kien beda jaħdem ukoll f'dan il-mistier. Imma deher ċar li l-familja Darmanin kienet qegħda ssib kompetizzjoni ħarxa minn xi Sqallin li kienu ġew jaħdmu Malta f'din is-sengħa. Kien għalhekk li Karlu Darmanin qatagħha li jbiddel sengħetu u jibda jaħdem fl-arti statwarja tal-kartapesta. Karlu Darmanin ta dimensjoni ġdida lil din is-sengħa fil-kartapesta u kiseb suċċessi kbar, wieħed wara l-ieħor u għamluh, bla ebda dubju, il-prinċep statwarju fil-kartapesta. Sewwa jgħidu li kull deni ħudu b'ġid għax it-telfa tas-sengħa tal-marmista welldet suċċessi l-iżjed kbar, kemm fi kwantità kif ukoll fi kwalità fl-arti statwarja tal-kartapesta.

**Karlu Darmanin Jifforma l-Familja**

Karlu Darmanin qatagħha li jorbot il-għoqda dejjiema taż-żwieġ meta kellu 23 sena. Huwa għażel bħala martu, mara Skoċċiża li kien jisimha Annette Ready. Annette kienet wild John u Eleonora, xebba' kunjomha Byene. Il-familja Ready kienet familja Kattolika u kienet tgħammar fir-raħal ta' Ħal Għaxaq. Fil-fatt, Annette kienet twieldet u tgħammdet ġewwa Ħal Għaxaq, fl-1833. Annette kellha biss 15-il sena meta żżewwġet fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq, nhar is-27 ta' Frar, 1848. Żewwiġhom Dun Ġwann Depasquale u x-xhud kien Grezzju Galea.

Alla żejjen lil din il-koppja b'16-il wild, 10 subien u 6 bniet li kollha kemm huma twieldu ġewwa l-Isla. It-tfal ta' Karlu Darmanin kienu dawn; Emmanueli li twieled fis-27 ta' Jannar,1849, sena fuq iż-żwieġ tagħhom. Francesco twieled fl-14 ta' Novembru,1850. Maria Carmela, li twieldet fit-8 ta' Novembru, 1851, mietet l-għadha tal-magħmudija tagħha. Ġużeppi li twieled fid-29 t'Awwissu, 1853 miet ta' għomor qasir ħafna. Cesare twieled fit-30 ta' Jannar, 1855. It-tieni Ġużeppi twieled fil-11 ta' Novembru, 1856. Ġiovanni twieled fis-7 ta' Marzu, 1858. Gulielmu twieled fis-17 ta' Mejju, 1859 u miet ta' ħames xhur. Ġeraldu twieled fis-7 t'Ottubru, 1861. Marija twieldet fl-24 ta' Marzu, 1863. Maria Victoria twieldet nhar it-8 ta' Settembru, 1864. Francesca twieldet fl-24 ta' Novembru, 1865. Neriku twieled fit-22 t'Awwissu, 1867. Lucia twieldet fit-28 ta' Diċembru, 1868. Din mietet meta kellha biss 20 sena. Renaldu twieled fl-1870 waqt li l-aħħar wild, Marija Carmela twieldet fl-1875.

Il-mara ta' Karlu Darmanin mietet f'Santa Venera, fl-għomor ta' 64 sena fis:1:30 pm b'attakk qawwi ta' puplesija. Karlu Darmanin miet fl-għomor ta' 84 sena, fis-26 ta' Novembru, 1909, tard filgħaxija wara li fl-10:15 tah atakk ta' qalb qawwi. Difnuh fil-qabar tal-Fratellanza tas-Santissima Trinità tal-Isla fil-maqbar Santa Marija Addolorata f'qabar numru 67.

Li jissorprendik hu l-fenomenu li minkejja Karlu Darmanin kellu għadd daqshekk sabiħ t'ulied ħadd minnhom ma ħareġ statwarju bħal missierhom! Fil-fatt meta miet Karlu Darmanin, in-negozju tal-istatwarju għadda għand Ġużeppi Cilia li kien skular u lavrant, nobbli fil-qalb, ma' Karlu Darmanin. Karlu Darmanin kien iżomm fi stima l-iżjed kbir lil Ġużeppi Cilia għax kien qaddej tiegħu fidil li baqa' miegħu sal-aħħar. Minkejja dan, l-aktar persuna li fuqu kien iġorr il-marki jew il-kewn tal-arti statwarja ta' Karlu Darmanin kien l-istatwarju minn Ħal Qormi, Karmenu Mallia. Karmenu Mallia ħadem għall-żmien twil ma' Karlu Darmanin, imma rama għal rasu ġewwa Ħal Qormi stess. Meta miet Ġużeppi Cilia, Karmenu Mallia xtara jew akkwista l-forom ta' Karlu Darmanin u użahom b'ħeffa u b'sengħa l-iżjed kbira fix-xogħlijiet tiegħu tant li fl-istorja, xi minn daqqiet insibu konfuzjoni min ħadem xi biċċa xogħol artistika jekk hux Karlu Darmanin jew inkella Karmenu Mallia. It-taħlit ma jonqosx u hu evidenti għall-aħħar.

**It-Twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi**

It-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi għandha marbuta magħha storja mirakuluża tassew interessanti. Ngħidu li l-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes twaqqfet bil-ħidma sfiqa tal-qassis Senglejan id-Duttur, Dun Pietru Pawl Xuereb li għex propju fiż-żmien meta kienu qed iseħħu d-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes. Dun Pawl Xuereb twieled fis-sena 1844 waqt li d-dehriet f'Lourdes seħħew fl-1858. Naturalment dan il-miraklu seħħ meta Dun Pietru Pawl Xuereb kien għadu adoloxxenti jew fiż-żgħożija

bikrija tiegħu meta kellu biss 14-il sena. L-istorja tgħidilna li dan Pietru Pawl beda jħoss uġigħ kbir u qawwi fil-pulmun. Ħaġa minn awl id-dinja, ġrew bih għand it-tobba biex jieħdu l-pariri x'jistgħu jagħmlu biex dan iż-żagħżugħ ifiq mill-uġigħ li kien qabdu. It-tobba sabu li dan Pietru Pawl Xuereb kellu tumur mara li jfaqqas jew aħjar jinxtered, jiġifieri tumur malinn li kien qed jinxteridlu u l-agħar ħaġa kienet li sa dak iż-żmien il-mediċina ma kinitx toffri rimedji ta' fejqan għal dan il-kankru qerriedi u għalhekk il-possibilità tal-fejqan kienet ferm 'il bogħod u impossibbli. Dak iż-żmien ma kienx hawn il-*Chimo Therapy*. L-istorja tkompli tgħidilna li din il-familja qaddisa, inxteħdet għarkupptejha titlob quddiem ix-xbiha tal-Madonna ta' Lourdes għall-fejqan ta' dan iż-żagħżugħ. It-talb ħareġ minn fidi soda u qawwija u fejn ikun hemm din il-karatteristika, il-mirakli huma possibbli għax il-mirakli jitolbu twemmin kbir fuq li kbir. Il-miraklu tal-fejqan ta' dan iż-żagħżugħ seħħ tassew u t-tobba ddikjaraw fejqan mirakuluż ta' Pietru Pawl Xuereb. Pietru Pawl Xuereb wieġeb għas-sejħa saċerdotali u sar qassis għaref kif jixhed il-grad li jġorr tad-Dottorat li kellu. Kien predikatur kbir ukoll u bil-predikazzjoni tiegħu għanna l-kobor tad-dehriet tal-Madonna li wettqet ġewwa Lourdes. Mhux hekk biss, imma laħaq ukoll Kappillan tal-Qrendi fl-1869 liema parrokat twal 13-il sena. Fl-1882 Dun Pietru Pawl Xuereb inħatar Arċipriet Kanonku tal-Birgu fejn dan sal-1887. Fis-26 ta' Lulju, 1887, Dun Pietru Pawl Xuereb inħatar kappillan tal-parroċċa tal-Mosta. Miet meta kellu biss 50 sena u jinsab midfun propju fil-kappella tal-Madonna taċ-Ċintura fejn il-Mostin waqqfulu monument tassew sabiħ b'xhieda t'imħabbithom. L-aqwa *achievement* tiegħu fir-raħal tar-Rotunda kien li bil-ħidma sfiqa tiegħu, għolla l-knisja parrokkjali tal-Mosta għal waħda Arċipretali u hu stess kien maħtur l-ewwel arċipriet ta' din il-parroċċa.

Il-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb, meta laħaq kappillan tal-Qrendi ried iwettaq f'din il-parroċċa, il-ħolma kbira tiegħu biex titwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes ġewwa l-Qrendi biex ixettel u jifrex id-devozzjoni Marjana lejn il-Madonna ta' Lourdes. Dan il-kappillan kien konvint li d-devozzjoni Marjana tal-Madonna ta' Lourdes setgħet biss tkun suċċess jekk titwaqqaf din il-fratellanza. Huwa ħass li bit-twaqqif tal-fratellanza, d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes setgħet tistagħna u tieħu dimensjoni ta' tul ħafna ta' żmien għax imxierka devoti f'din il-fratellanza biss setgħu sostnu għomor twil lil din id-devozzjoni.

### L-Ewwel Żerriegħa tad-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes

Biss biex twaqqaf fratellanza, l-ewwel ħaġa li tintalab mill-awtorijitajiet tal-Knisja kienet id-devozzjoni stabilita. L-isqof żgur li qatt ma jasal japprova fratellanza jekk iż-żerriegħa tad-devozzzjoni ma tkunx inżergħet u nfirxet. Għalhekk l-ewwel ħaġa li għamel il-kappillan Xuereb kienet il-pittura tal-Madonna ta' Lourdes biex il-fidili jkunu jistgħu jitolbu quddiemha fil-ħtiġijiet tagħhom bħalma hu stess kien għamel flimkien mal-familjari tiegħu, meta ħtieġlu l-fejqan tal-marda terminali tiegħu. Huwa qabbad lil pittur Ġużeppi Bonnici biex jagħmillu din il-pittura. Illum din l-ewwel pittura tinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali. Ftit xhur wara, il-Kappillan Xuereb reġa' talab lill-istess pittur jagħmillu xbiha oħra ġdida. Din it-tieni pittura hi dik li naraw fuq l-artal tal-Fratellanza ta' Lourdes. Meta l-Kappillan Xuereb ra u fehem kemm kienet xterdet din id-devozzjoni Marjana lejn Lourdes fil-parroċċa tal-Qrendi, huwa beda jhejji rikors biex jippreżentah lill-Arċisqof ta' Malta, Mons Carmelo Scicluna biex irodd il-kunsens tiegħu għat-twaqqif ta' din il-fratellanza ġdid. Naturalment il-Kapp. Xuereb sab intoppi u xkiel serju saħansitra ukoll minn membri tal-

qassisin. Setgħu ħasbuha mod differenti mhux għax ma kinux iħobbu lil Madonna imma forsi għaliex twaqqif ġdid ta' fratellanza setgħet tħalli effetti mhux mixtieqa fil-parroċċa. Imma b'rispett kbir lejn il-fehmiet ta' min kien jaħsibha mod ieħor, il-Kapp. Pietru Pawl Xuereb baqa' għaddej bil-pjan tiegħu tat-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes.

## L-Arċisqof Scicluna Jwieġeb fil-Pożittiv

L-Arċisqof Scicluna, fil-21 ta' Jannar, 1878 wieġeb fil-posittiv għat-talba tal-Kappillan Xuereb u radd il-kunsens tiegħu għat-twaqqif ta' din il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Din it-tweġiba fl-iva tat lill-Kappillan Xuereb, il-mutur biex jibda jorganizza din il-fratellanza Marjana bil-għan li tippromovi d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes. Ixxierku l-ewwel fratelli fiha. Il-Kappillan Xuereb mar għand il-kompajżan tiegħu, Karlu Darmanin u talbu jaħdimlu statwa ġdida fil-kartapesta tal-Madonna ta' Lourdes. Din l-istatwa, Karlu Darmanin ħadimha f'dik is-sena stess li fiha twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes, jiġifieri fl-1878. It-tieni pittura tal-Madonna ta' Lourdes tqegħdet fuq l-artal tal-Fratellanza. Fit-23 t'April, 1878 il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi ingħaqdet mal-kongregazzjoni primarja taħt t-titlu tal-Annunzjata li tinsab f'Ruma. Fis-7 ta' Mejju, 1878, din il-fratellanza ingħaqdet mal-arċisodalità ta' Sidtna ta' Lourdes f'Ruma. Dawn iż-żewġ avvenimenti mhux biss żiedu l-indulġenzi għall-imxierka fil-fratellanza, imma taw stima l-iżjed kbira lil din il-fratellanza ġdida. Il-Kappillan Xuereb ħa ħsieb ukoll jikteb il-kurunella tal-Madonna ta' Lourdes, li f'qasir żmien kienu tgħallmuha ħafna nies u kienet tingħad b'devozzjoni l-iżjed kbira quddiem ix-xbiha tal-Madonna. Inħatar ukoll ir-Rettur tal-Fratellanza li beda jilbes il-medalljun biex xbiha tal-Madonna ta' Lourdes imnaqqxa fuqha. Sar ukoll is-Salib tal-Fratellanza u żewġ lanterni li huma xogħol tassew artistiku maħdum fil-fidda. Saru sett gandlieri biex jintramaw f'jum il-festa fuq l-artal maġġur. Sar ukoll l-Istandard tal-Fratellanza, bil-lasta tiegħu miksija bil-fidda. Saru ukoll dawk li jissejħu l-karti tal-glorja għal fuq l-artal tal-Kurċifiss li issa kien sar is-sede spiritwali tal-fratellanza, kif ukoll xi sopraporti.

## Il-Kuruna fuq Ras il-Madonna tal-Fratellanza

Meta l-vara maħduma minn Karlu Darmanin kienet lesta, il-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb xtaq ilibbisha kuruna fuq rasha bħala xhieda tad-devozzjoni Marjana tal-poplu tal-Qrendi lejn il-Madonna ta' Lourdes. L-Kappillan Dun Xuereb ġietu mill-ewwel l-idea f'moħħu li fuq ras il-Madonna, jqiegħed dik il-kuruna tal-fidda li kienet iżżejjem statwa devota tal-Madonna li żmien qabel kienet miżmuma b'devozzjoni l-iżjed kbira u li kienet tinsab ġo kappella magħrufa bħala Il-Madonna tal-Ħniena li kienet fix-xaqliba ta' rħajjel magħruf bħala Ħal Lew. Din il-kappella kienet diġà teżisti meta Mons Pietru Dużina għamel iż-żjara pastorali tiegħu fl-1575. Imma dan sab li din il-kappella kienet traskurata u għalhekk ipprofanaha. Biss din il-kappella reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1650 u bdiet tgawdi devozzjoni tant kbira li kienet ikkunsidrata bħala l-aktar santwarju Marjan t'importanza li kien hemm f'dawk iż-żminijiet, wara s-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. F'din il-kappella kien hemm statwa devota tal-Madonna li fuq rasha kellha kuruna tal-fidda iżżejjinha. Imma mal-mixja taż-żmien, għal darba oħra din il-kappella bdiet tkun abbandunata mill-ġdid tant li ħabta tas-snin 1850, din l-istatwa tneħħiet minn hemm. Fis-sena 1877, il-Kappillan Xuereb, bħala amministratur ta' din il-knisja, għamel talba formali lill-Arċisqof Scicluna biex din il-kuruna tal-fidda tibda tintlibes fuq ras il-Madonna ta' Lourdes maħduma minn

Karlu Darmanin. Jidher li l-idea tal-kappillan għoġbot ukoll lill-Arċisqof Scicluna tant li dan l-arċisqof, fit-18 t'Ottubru, 1877, għadda l-permessi kollha meħtieġa biex isir dan it-transferiment tal-kuruna tal-fidda. Deher ċar mill-ewwel li din il-kuruna xerqet wisq lil Madonna ta' Lourdes u barra hekk għenet ukoll biex id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes tikber sew fil-Qrendi wkoll. Il-miri tal-Kappillan Xuereb dehru li ntlaħqu fil-milja kollha tagħhom.

## Il-Vara tal-Madonna ta' Lourdes

L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li ħarġet minn idejn il-prinċep tal-istatwarji, Karlu Darmanin hi xbieha devota għall-aħħar tal-Madonna. Fiha naraw l-istil purista mħaddem minn Karlu Darmanin jilħaq kważi l-quċċata tiegħu. Id-devozzjoni hi element l-aktar sublimi fix-xogħlijiet artistiċi ta' Karlu Darmanin. Ix-xogħlijiet ta' Karlu Darmanin huma statiċi għall-aħħar. Kull ċaqliqa hi regolarizzata u mliġġma għax Karlu Darmanin kien jara u jħoss li kull naqra moviment artistiku jista' jtellef u jxellef l-element ta' devozzjoni li nsibu fix-xogħlijiet kollha tiegħu. Għal Karlu Darmanin, kien meħtieġ li kull naqra moviment jrid jkun imrażżan għax il-moviment artistiku jkisser il-ħsieb u l-qalb biex tinkiseb id-devozzjoni spiritwali li tgħolli l-moħħ u l-qalb lejn Alla.

"F'din l-istatwa, il Madonna narawha tħares bi qdusija kbira lejn is-sema. Id-devozzjoni ta' wiċċha tqanqal devozzjoni l-iżjed kbira f'min ikun qiegħed jħares lejha. L-imnieħer, ix-xofftejn u l-geddum tal-Madonna f'din l-istatwa huma xhieda tal-akbar ħila anatomika ta' Karlu Darmanin." Din il-vara nistgħu ngħidu bla tlaqliq li ħarġet mill-qalb mimlija mħabba u devozzjoni li l-istatwarju Karlu Darmanin kellu hu nnfisu lejn il-Madonna. Inħoss li kienet il-qalb tenera mimlija mħabba lejn il-Madonna u mhux il-moħħ għaref tiegħu artistikament li qanqlu jdejn Karlu Darmanin biex jaħdem din il-vara proċessjonali tant sabiħa li hi l-prototip ta' devozzjoni sinċiera li tista' biss toħroġ minn qalb li taf tħobb tassew.

Din l-istatwa ħelwa ta' Karlu Darmanin kienet restawrata mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi fl-1988.

## Il-Fratellanza taħt il-Ħarsien ta' San Filippu Neri

Meta l-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb waqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes ġewwa l-Qrendi huwa għażel lil San Filippu Neri biex ikun il-ħarries spiritwali ta' din il-fratellanza ġdida. Hawnhekk forsi tiġina f'moħħna din il-mistoqsija; "Fuq liema kriterju, il-Kapp. Xuereb għażel lill-qaddis San Filippu Neri biex jieħu ħsieb spiritwalment din il-fratellanza li kienet it-tarbija tiegħu?" Ngħidha mill-ewwel, iebsa ħafna biex tikkonkludiha. Għalkemm bħall-qaddisin l-oħra kollha tal-Knisja Kattolika, San Filippu Neri kellu devozzjoni l-iżjed kbira lejn Marija Santissima, ma jidhirx li kien hemm rabta diretta bejn San Filippu Neri u l-Madonna ta' Lourdes. Naħseb imma li kien hemm rabta bejn il-qaddis San Filippu Neri u l-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb. Irridu nerġgħu nfakkru li Dun Pietru Pawl Xuereb kien mill-Isla u fl-Isla kien hemm imwaqqaf l-Orotorju ta' San Filippu Neri. F'Malta kien hemm żewġ Orotorji kif waqqafhom San Filippu Neri. Wieħed kien il-Birgu u l-ieħor, dak ewlieni kien propju ġewwa l-Isla. Il-binja li hemm l-Isla hi tassew waħda arkitettonikament sabiħa wisq u l-knisja li hemm magħquda mal-Orotorju hi artistikament fenomenali. Dawn l-Orotorji mwaqqfa minn San Filippu Neri kienu prattikament kunventi li fihom jgħixu bħala kommunità, il-qassisin djoċesani mingħajr irbit ta' regoli formali. Ma kellhomx regola partikolari li tgħaqqadhom. Kienu jiffurmaw għaqda ta' predikaturi

mħarrġin sewwa tant li nsibu li dawn il-qassin djoċesani kienu jgawdu popolarità kbira ta' predikaturi magħrufa u l-predikazzjoni qabel iż-żjajjar pastorali tal-isqfijiet ġewwa l-parroċċi Maltin, kienet donnha xi ħaġa partikulari tagħhom għax dawn il-qassin kienu jkunu mistiedna biex, permezz tal-predikazzjoni, jħejju spiritwalment il-poplu tal-parroċċa, qabel tibda kull żjara pastorali ta' xi isqof. Naħseb li dan is-saċerdot, il-Kapp. Dun Pietru Pawl Xuereb kellu kuntatt tajjeb ma' dawn l-Orotorjani u kellu wkoll devozzjoni jew ġibda spiritwali partikulari u kbira ħafna, lejn dan il-qaddis, tant li ried ukoll jiżragħha fil-parroċċa Marjana fdata lilu, dik tal-Qrendi. Għalhekk, biex ixerred ukoll id-devozzjoni lejn dan il-qaddis San Filippu Neri, għaqqdu b'xi mod mal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Għalhekk il-Kapp. Xuereb għażlu bħala Protettur. Kienet ukoll ordnata statwa ta' dan il-qaddis u saret ukoll pittura li kienet għotja qaddisa ħierġa minn qalb ta' Ġużeppi Calleja. Din inħadmet fl-1873, propju ħames snin qabel it-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Din il-pittura narawha f'kappella żgħira li hemm ġewwa s-sagristija. Kienet ukoll issir il-festa ta' dan il-qaddis ġewwa l-knisja parrokkjali tal-Qrendi u fil-purċissjoni tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes l-istatwa ta' San Filippu Neri kienet toħroġ proċessjonalment ukoll, flimkien mal-vara tal-Madonna ta' Lourdes. Imma donnu ġara li n-nies baqgħu għorba u ma fehmux ir-rabta li kienet teżisti bejn id-devozzjoni lejn San Filippu Neri u l-Madonna ta' Lourdes. Għalhekk, l-akkompanjament tal-vara ta' San Filippu Neri tul il-ġilwa tal-Madonna ta' Lourdes baqgħet xi ħaġa stramba, bla sens u ma tistax tinftiehem sa ma kien deċiż li l-vara ta' San Filippu Neri ma tibqax issieħeb il-vara tal-Madonna ta' Lourdes fil-jum tal-festa.

**Min kien San Filippu Neri?**

San Filippu Neri kien wild il-familja nobbli ta' Franġisku di Neri li kien avukat u Lucrezia da Mosciano. San Filippu Neri twieled nhar il-21 ta' Lulju, 1515, ġewwa Firenze. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu għand il-patrijiet Dumnikani ta' San Marco ġewwa Firenze. Meta għalaq it-18-il sena, Filippu Neri nbagħat għand żijuh Romolo, li kien negozjant għani, b'negozju sejjer mill-aħjar fil-belt ta' San Ġennaro ġewwa Napli u kien jgħix qrib ħafna ta' Monte Cassino. San Filippu Neri kien żagħżugħ fuq tiegħu ħafna u kien ukoll mogħti għad-dinja. Imma ġara li meta kien Napli għex esperjenza spiritwali ta' viżjoni mistika tant kbira li bidlitlu ħajtu ta' taħt fuq.

Wara li għex din l-esperjenza spiritwali huwa telaq lejn il-Belt Eterna, jiġifieri mar Ruma. Ġewwa Ruma huwa ntefa' b'ruħu u ġismu jgħin lill-morda u lill-foqra li kien hemm jiġru mas-saqajn ġewwa din il-Belt tal-Papa. Beda wkoll jaħdem pastoralment qalb il-prostituti li sfortunatament kienu għadd kbir ħafna u beda jgħinhom kemm jista' biex ibiddlilhom ħajjithom u ma jibqgħux jgħixu dik il-ħajja mimlija miżerja li jbiegħu ġisimhom għall-pjaċiri sesswali ta' ħajjithom. Ħafna drabi l-prostituzzjoni hi frott tal-faqar u l-miżerja u San Filippu Neri kien jipprova jgħinhom biex jinqalgħu minn dan l-istat permanenti ta' faqar li kien iġagħlhom jgħixu l-ħajja miżera tal-prostituzzjoni. Fl-1538, San Filippu Neri beda ħidma pastorali ġdida għal dak iż-żmien. Din il-pastorali kienet iż-żjajjar fil-familji jew kif sejħilha hu nnifsu, "Ħidma Missjunarja fid-Djar". Għall-sbatax-il sena sħaħ hu għex bħala bniedem lajk. Insibu li fl-1544, San Filippu Neri ltaqa' mal-fundatur tas-Soċjetà ta' Ġesù magħrufa bħala l-Ġiżwiti, San Injazju ta' Lojola. Fl-1548, flimkien mal-konfessur tiegħu Dun Persino Rossa waqqaf il-Konfraternità tat-Trinità Qaddisa. L-għan ewlieni ta' din il-konfraternità kienet biex tingħata għajnuna, spiritwali u materjali lil dawk il-pellegrini li

kienu jżuru l-belt ta' Ruma, b'mod partikulari lil dawk il-pelligrini li kienu jżuru Ruma fis-snin tal-ġublewijiet. Ħafna drabi dawn il-pellegrini tul iż-żjara ġubilarja tagħhom ġewwa Ruma kienu jimirdu u meta kienu jidħlu l-isptar għall-kura kienu jaraw x'jagħmlu biex jeħilsu minnhom kemm jista' jkun malajr, ħafna drabi minkejja li jkunu għadhom morda. Il-membri ta' din il-Konfraternità kienu jinġabru jitolbu fis-Knisja ta' San Salvatore in Campo. Kien propju minn din il-knisja li twieldet id-devozzjoni Ewkaristika tal-Kwaranturi jiġifieri 40 siegħa ta' adorazzjoni ma taqta' xejn quddiem Ġesù Sagramentat Espost għall-qima tal-fidili. Id-devozzjoni tal-Kwaranturi xterdet ġewwa Ruma u minn Ruma għaddiet f'ħafna pajjiżi fosthom ukoll ġewwa Malta.

Kien fis-sena 1551 li San Filippu Neri beda t-triq lejn is-saċerdozju. F'dik is-sena huwa rċieva l-ordnijiet minuri u wara d-Djakonat. Fit-23 ta' Mejju tal-istess sena kien ordnat saċerdot. Għall-bidu beda jħammem jekk imurx missjunarju ġewwa l-Indja. Imma jidher li saret pressjoni kbira fuqu biex ma jitlaqx minn Ruma u qalulu li f'Ruma kien hemm ħafna xogħol x'jrid isir u ma kienx għaqli li jitlaq. Biss bla dubju ta' xejn, l-akbar biċċa xogħol interessanti u sabiħa li waqqaf San Filippu Neri kienu propju l-Orotorji li waqqaf. Dawn bdew billi hu stess għażel biex jgħix ma' sħabu s-saċerdoti ġo l-Isptar ta' San Girolamo della Carità. Fl-1556, f'dan il-post waqqaf l-ewwel Orotorju li propju beda b'laqgħat li kienu jsiru filgħaxija fejn fihom kienu mhux biss jitolbu, imma ukoll jistudjaw kwistjonijiet pastorali-morali. Wara bdiet il-ħidma tal-predikazzjoni f'ħafna knejjes differenti. Wara l-predikazzjoni, dawn il-qassisin djoċesani bdew ifittxu ukoll il-qrar bħala mezz pastorali partikulari tagħhom. Fl-1553, San Filippu Neri organizza l-ewwel Jum ta' Pellegrinaġġ madwar seba' knejjes ewlenin ġewwa Ruma. Dan telaq mill-Bażilika ta' San Pietru u spiċċa fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore. It-twaqqif ta' dan l-Orotorju għoġbot wisq lill-amministrazzjoni tal-Knisja Kattolika tant li fil-15 ta' Lulju, 1575, permezz ta' Bolla Papali, dawn il-komunitajiet ta' qassisis sekulari bdew jissejħu Kongregazzjoni tal-Orotorju. Fl-1587, San Filippu Neri kien maħtur superjur ta' dawn l-Orotorji għall-għomru. Dawn l-Orotorji kienu awtonomi u kull orotorju kien igawdi tmexxija awtonoma tant li meta kien jitwaqqaf Orotorju ġdid kien jikseb din l-awtonomija mill-ewwel. Fl-1622, il-Papa Gregorju XV irrikonoxxa uffiċċjalment dawn l-Orotorji li f'Malta kien hawn tnejn, fil-Birgu u fl-Isla li sfortunatament dawn kellhom jgħalqu probabilment għax il-membri tal-kleru f'Malta kienu wisq marbuta mal-familji tagħhom li kienu tant jgħixu qrib tagħhom.

San Filippu Neri kien bniedem ċajtier ħafna imma kien xejn anqas bniedem għaref. Kien bniedem li kien jgħożż wisq il-ferħ tal-qlub tant li kien jgħid li "qalb ferħana hi ferm aktar qrib tal-qdusija u l-perfezzjoni reliġjuża minn dik il-qalb kollha niket u mrar". Huwa miet nhar il-25 ta' Mejju, 1595, fl-għomor ta' 79 sena, f'jum il-festa Ewkaristika ta' *Corpus Christi*. Fl-1615, il-Papa Pawlu V iddikjarah Beatu waqt li fl-1622, il-Papa Gregorju XV iddikjarah qaddis.

## Tibda ssir il-Festa

Mat-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes, il-Kappillan Dun Pietru Pawl Xureb beda jaħseb biex tibda tkun orgaizzata l-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Bħal dejjem l-akbar biċċa uġigħ ta' ras tkun il-finanzi. Għalhekk il-Kapp. Xuereb tefa' għajnejh fuq kappella li mhux biss kienet abbandunata imma ukoll kważi mkissra u mwaqqa'. Il-Kapp. Xuereb talab il-permess tal-Isqof Scicluna biex din il-kappella li kienet magħrufa bħala Santa Marija ta' Bieb ix-Xagħra tinħatt u minflokha jinbena mezzanin għall-prezz ta' 350 skud. Mid-dħul tal-

kirjiet barra li kellhom jsiru quddies kellhom jiffinanzjaw il-festa tal-Madonna ta' Lourdes. L-Isqof Scicluna ħareġ il-permessi meħtieġa fl-24 ta' Lulju, 1877. Barra l-permessi tal-isqof sar ukoll kuntratt għand in-nutar Franġisku Caruana fid-29 t'Awwissu, 1879. Naturalment dan ma kienx biżżejjed biex issir il-festa b'pompa kbira f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes. Imma l-Mulej u l-Madonna ipprovdew benefatturi oħrajn li ħallew legati għal dan il-għan. Ipprovdew ukoll voluntiera li bdew jaħdmu bla ħlas biex issir festa kbira lill-Madonna ta' Lourdes. Kienet intweriet ix-xewqa li l-festa tkun marbuta ma' xi waħda mid-dehriet ta' Lourdes. Għalhekk saret talba lill-Isqof Scicluna biex il-festa f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes tkun imfakkra Ħadd qabel il-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu li ssir fis-16 ta' Lulju. L-aħħar dehra tal-Madonna seħħet propju f'jum il-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu, fis-16 ta' Lulju, 1858. L-Isqof Scicluna ta l-approvazzjoni tiegħu fl-20 t'April, 1880 li kitibha fil-Qrendi stess. Minn dak in-nhar 'l quddiem, il-fratellanza kompliet iżżid ħwejjeġ kapitali ta' tiżjin bħalma huma tapiti, gwaniċi, damask u sopraporti biex bihom tiżżejjen il-knisja fil-jiem tal-festi tal-Madonna ta' Lourdes. Ġiet li nqalgħu xi problemi bħalma kienet il-problema meta għandu jintrama t-tużell. Imma dawn il-problemi kienu kollha solvuti b'wiċċ il-ġid. Il-Qrendi beda jiżżejjen ukoll b'niċeċ artistiċi bix-xbiha tal-Madonna ta' Lourdes fihom. Barra dan issemmew ukoll ħafna ismijiet ta' toroq b'konnessjoni mad-Dehriet ta' Lourdes bħalma huma Triq Bernardette u Triq Massabielle.

Imbagħad bdiet tiġi mwittija wkoll it-triq biex ikun organizzat il-każin tal-banda. Insibu li fl-1895 xi nies mill-Qrendi krew il-palazz tan-nobbli Spiteri Agius fi Triq il-Kbira biex iqattgħu fih il-ħin liberu tagħhom. Kien Każin Soċjali bl-isem *Circolo Musicale Bellini* li fih kienet tiltaqa' ukoll l-Orkestra Bellini b'Anton Pace bħala l-ewwel surmast tagħha. Dan il-każin biddel ismu u beda jissejjaħ *Casinò Lourdes*. Il-post ta' dan il-każin inbidel ukoll maż-żmien. Fl-1905 inqala' nuqqas ta' ftehim bejn il-Kappillan Tabone u l-membri taċ-*Circolo Musicale Bellini*. Għalhekk dan il-każin irtira s-sehem li kien jagħti fil-festa ta' Santa Marija. Imma dan il-każin ħa f'idejh l-organizzazzjoni tal-festi, kemm ta' barra kif ukoll ta' ġewwa li kienu jsiru f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes. L-ewwel president kien Ninu Fenech u l-viċi president kien Nikol Magri. Nikol Magri rnexxilu jgħaqqad l-ewwel orkestra f'dan il-każin. Mal-mixja tas-snin kiber id-distakk bejn il-festa ta' Santa Marija u l-festa f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes. Ġara ukoll li minħabba l-ħerba li ħalliet warajha t-Tieni Gwerra Dinjija, l-orkestra Bellini għebet. Meta t-Tieni Gwerra Dinjija bdiet tbatti, bis-saħħa u bil-ħidma tad-Direttur ta' dan il-każin, Karm Aquilina twieldet il-Banda Lourdes.

### Ix-Xitan Ideffes Denbu

L-isfortuna kienet li r-rivalità tant kibret bejn Santa Marija u l-Fratellanza Madonna ta' Lourdes li saħansitra t-tmexxija tal-Knisja waqqfet iż-żewġ festi. Kibret ukoll ir-rivalità bejn kappillani u partitarji. Jissemma' li kien hemm żewġ kappillani li kellhom jaħarbu mill-parroċċa fis-satra tal-lejl! Intefgħet iż-żebgħa mal-faċċata tad-Domus Curialis ukoll. Fi żmien il-Kappillan Dun Manuel Micallef, qamet il-kwistjoni tal-bradella li farket dak l-entużjażmu li kien milqugħ bih dan il-kappillan li deher li kien se jkollu suċċess! Ir-rifjut tal-bradella ġabet magħha s-sospensjoni tal-festa li damet ma ssir snin twal. Fl-1935 iċ-*Circolo Lourdes* beda jorganizza ballijiet familjari u korsi ta' Żfin flok il-festa! Fid-9 t'Awwissu, 1935 L-Isqof Mauro Caruana ħareġ digriet li bih issuspenda l-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Flok il-festa tal-Madonna ta' Lourdes bdiet issir il-festa tat-8 ta' Settembru li għaliha nġiebu seba' baned!

**L-Imħabba tirbaħ**

Jidher li x-xitan ħadem kemm felaħ biex ikisser id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes ġewwa l-Qrendi. Imma mill-banda l-oħra, il-qlub devoti u sinċiera li kienu tassew ulied il-Madonna ta' Lourdes ma naqsux ukoll biex żammew tixgħel id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'dan ir-raħal tal-Qrendi. Saru ħafna riskorsi quddiem l-awtoritajiet tal-Knisja biex terġa' titwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Minkejja dan, il-permessi ma ħarġux. Meta l-Arċisqof Gonzi għamel iż-żjara pastorali tiegħu ġewwa l-Qrendi, it-talbiet biex terġa' titwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes ma waqfux. Fosthom kien hemm soru li kienet tgawdi l-fama ta' "soru qaddisa", Madre Franġeska. Meta l-Arċisqof Gonzi żar il-kunvent fejn kienet tgħix, ressqet it-talba tagħha għat-twaqqif mill-ġdid tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. It-talba minn din is-soru kienet strumentali ħafna u influwenzat ħafna lill-Arċisqof Gonzi. Ġara ukoll li meta l-Arċisqof Gonzi żar l-iskola tal-Qrendi, rassa kbira ta' nies bdiet titlob għat-twaqqif mill-ġdid tal-festi f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes. Ix-xewqa tal-poplu nqatgħet fi żmien il-Kapp. Enriku Mahoney. Kien il-jum storiku tas-27 ta' Ġunju, 1958 meta d-dehriet ta' Lourdes għalqu 100 sena li seħħew! L-Arċisqof Gonzi, konxju mill-ħerqa u d-devozzjoni kbira tal-poplu tal-Qrendi lejn il-Madonna ta' Lourdes, reġa' waqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes kif ukoll il-festa, għalkemm mhux bħala waħda sekondarja. Fi żmien il-Kapp. Dun Salv Fenech, meta kollox deher li l-affarijiet kienu kkalmaw u d-devozzjoni ġenwina bdiet mhux biss tidher aktar, imma tħalli effetti aktar tajbin u posittivi, fl-1962, l-Arċisqof Gonzi ta l-permessi meħtieġa biex il-festa tal-Madonna ta' Lourdes tibda tgawdi d-drittijiet mogħtija lill-festi sekondarji.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-festi f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes immaturaw ħafna u ħafna. Daqstant ieħor kibret u mmaturat d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes. Jiena minn din il-kitba tiegħi nibqa' nħeġġeġ devozzjoni sinċiera u matura lejn il-Madonna ta' Lourdes. Jiena kemm-il darba żort il-Qrendi għal din il-festa u dejjem ammirajt il-ħeġġa devozzjonali u matura li qegħda tkun murija f'din il-festa. Inħallu lil Madonna taħt it-titlu Ta' Lourdes taħdem fina fil-jiem tal-festi organizzjata f'ġieħha. Il-Madonna tkun tista' taħdem fina biss, jekk nersqu lejha mżejna b'sentimenti ta' tjieba, ta' fidi, ta' maħfra, ta' tama, ta' imħabba, ta' sinċerità u ta' għaqda kemm spiritwali kif ukoll materjali. L-għaqda hi ġejja mingħand il-Mulej. Il-firda u l-mibegħda hi s-sikrana li jiżragħha x-xitan biex jittanta jkisser is-saltna t'Alla fuq din l-art.

**Referenzi**

Stanley Mangion u Christopher Magro; Karlu Darmanin, il-prinċep statwarju, Ħajtu u Ħidmietu.

Lia Carmen B.Ed.(Hons), B.A.; 120 Sena mit-twaqqif tal-Fratellanza ta' Lourdes ġewwa il-Qrendi; Għaqda Mużikali Lourdes-Qrendi, Festa 1998.

Bonnici Alessandro, Patri, H.E.D, S. Th. L., Phil. Bac.; 125 sena ilu, L-Erezzjoni tal-Fratellanza Tal-Immakulata Bit-Titlu ta' Lourdes fil-Parroċċa tal-Qrendi, Għaqda mużikali Lourdes Qrendi

Diversi artikli elettroniċi